TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Charles Tanti

Vs

Michael Balzan - MBL Garage Door Solutions

CCT 163/19/MM

Illum, 1 ta' Ġunju 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-15 ta' Novembru 2019 fejn talab is-somma ta' elf Ewro (€ 1000) għad-depożitu minnu mħallas fir-rigward ta' bieb ta' garaxx u l-ammont ta' seba' mitt Ewro (€ 700) rappreżentanti danni morali.

Ra illi minkejja li l-intimat ġie debitament notifikat, baqa' ma daħħal l-ebda risposta.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti ordnaw bieb ta' garaxx mis-soċjeta' intimata, għal liema bieb huma ħallsu d-depożitu fil-pront ta' elf Ewro (€ 1000).

Illi r-rikkorrenti jiddikjara illi dan il-bieb hekk kif ordnat mhux talli qatt ma ġie installat talli iżda l-intimat kien jevita kuntatt mar-rikorrenti sabiex fl-aħħar għarrafhom illi materjal u l-mutur tal-bieb hekk kif pattwit huwa ma kellux. Di fatti, r-rikorrenti jisħqu illi l-intimat kien għalhekk installalhom bieb temporanju.

Illi r-rikorrenti jgħid li hekk kif eventwalment ġie installat il-bieb, dan ma kien skont is-sengħa u l-arti, fosthom il-mutur ma jaħdimx sew, tieqa minnhom imkissra, l-intimat ħalla *wire* fuq barra b'mod perikoluż kif ukoll daħal l-ilma mit-tliet twieqi l-oħra tal-bieb.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota illi għas-soċjeta' intimata ma deher ħadd meta ssejjaħ il-każ u lanqas imqar ġiet ippreżentata xi tip ta' risposta u dan minkejja li ġiet debitament notifikata. Illi ta' min jinnota li s-soċjeta' intimata lanqas indenjat tipprova tiddefendi jew tiġġustifika l-kontumaċja tagħha u dan minkejja li hi kienet taf bil-kawża kif jirriżulta mill-korrispondenza elettronika mibgħuta minn ċertu Keith Balzan, iben Michael Balzan, u ċioe r-rappreżentat tas-soċjeta' intimata.

Illi fl-assjem tal-provi kollha ma hemm xejn milli jindika li l-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti m għandhiex mis-sewwa, liema verżjoni ġiet korraborata b'diversi ritratti kif ukoll dokumenti.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' parzjalment it-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi jordna lis-soċjeta intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' € 1000. Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru